# Kun il-vuċi tal-ambjent fil-vot tat-8 ta' Ġunju!

## L-għaqdiet ambjentali jħeġġu parteċipazzjoni sħiħa fl-elezzjonijiet tas-Sibt li ġej

Propju llum il-5 ta' Ġunju, fil-Jum Dinji tal-Ambjent, tmien għaqdiet ambjentali qegħdin jappellaw biex kulħadd ipoġġi l-ambjent bħala prijorità meta fl-elezzjonijiet tas-Sibt li ġej 8 ta' Ġunju jmur jivvota biex jagħżel il-kandidati preferuti tiegħu.

Filwaqt li ftit li xejn hemm dubju li l-ambjent huwa prijorità għall-maġġoranza tal-Maltin, sfortunatament l-ambjent u n-natura ma għandhomx vuci. Għaldaqstant kull wieħed u waħda minna għandu jagħmel sforz biex l-ambjent jingħata l-vuċi li jixraqlu, u dan jista' jsir billi nagħżlu kandidati li jħaddnu valuri ambjentali ċari.

Tajjeb li niftakru kif waqt l-eqqel tal-pandemija tal-COVID l-uniku żvog li kellna kien li noħorġu ngawdu l-kampanja u l-ispazji miftuħa tagħna. Kien l-ambjent naturali li pprovdielna s-serħan u allura tajjeb li dan nitfgħuh fil-miżien meta nkunu qed niddeċiedu bil-vot tagħna.

Il-ħarsien ambjentali mhux xi ħaġa nazzjonali u internazzjonali biss. Niftakru kemm kien hemm azzjonijiet minn diversi komunitajiet lokali matul dawn l-aħħar snin kontra proġetti li kienu se jeqirdu, jew għadhom se jeqirdu, l-ambjent lokali. Nistgħu nsemmu fost l-oħrajn il-Marina ta' Marsaskala, Hondoq ir-Rummien fil-Qala Għawdex, l-iżvilupp f'Għajn Riħana, l-iżvilupp f'Tal-Bebbux fiż-Żurrieq, l-azzjonijiet f'Kemmuna, il-protesti kontra l-iżvilupp f'Wied Żnuber, l-iżvilupp qrib it-Tempji tal-Ġgantija, il-każ ta' Manoel Island, il-kumpless fil-Wied ta' Ħal Balzan,

il-ħarsien tal-istatus tal-Belt Valletta bħala Sit ta' Patrimonju Dinji tal-UNESCO, u l-kwistjoni tas-siġar fil-Pjazza tal-Mosta. Dawn huma biss ftit minn ħafna okkażjonijiet oħrajn fejn in-nies taw vuċi lill-ambjent. Naturalment, il-vuċi ambjentali nstemgħet b'saħħa fil-protesta kbira *Xebbajtuna* fejn eluf insistew li jinbidel il-mudell ekonomiku ta' pajjiżna biex inħarsu l-ambjent tagħna.

Issa wasal il-mument li fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u l-Kunsilli Lokali li se jsiru nhar it-8 ta' Ġunju kull min għandu għal qalbu l-ambjent, kull min ħa sehem fl-azzjonijiet li saru fil-komunità, kull min attenda l-protesta *Xebbajtuna* u kull min iħoss li l-ambjent għandu bżonn vuċi, ikun hu li bl-għażla li se jagħmel permezz tal-vot tiegħu, jagħti din il-vuċi lill-ambjent.

Din it-talba qed tiġi indirizzata b'mod speċjali lil dawn li ġejjin:

- lill-anzjani u l-ġenituri ta' tfal żgħar biex jirriflettu x'futur ambjentali jridu jħallu lill-ġenerazzjonijiet li ġejjin,
- lill-ħaddiema, iż-żgħażagħ u l-istudenti li b'xi mod jew ieħor jafu kemm hu importanti li jkollna ambjent b'saħħtu,
- lil dawk kollha li forsi mhumiex iħossu l-bżonn li nhar is-Sibt joħorġu jivvutaw imma japprezzaw kemm hu sabiħ il-valur komuni li ngawdu lkoll minn ambjent b'saħħtu.

Lil dawn kollha qed nitolbukom biex tilqgħu dan l-appell u tqisu dan il-messaġġ tagħna bħala raġuni ewlenija u motivazzjoni għalfejn nhar is-Sibt li ġej għandkom tivvutaw favur ambjent aħjar!

**Għaqdiet ambjentali:**
BirdLife Malta
Moviment Graffitti
Flimkien għal Ambjent Aħjar
Din l-Art Ħelwa
Friends of the Earth Malta
Nature Trust-FEE Malta
Ramblers' Association of Malta
Għawdix

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org